# Il-Mellieħa 1918 -1920
# Raħal in-Nagħaġ u l-Laqmijiet

Jimmy Muscat

## Is-Seklu 18

Uħud mill-Manuskritti tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa jixħtu dawl estensiv fuq aspett differenti ta' l-istorja ta' l-istess Santwarju, jiġifieri dak li kien jinvolvi l-kiri tan-nagħaġ lil nies privati[1]. Kien isir kuntratt bejn il-prokuratur tas-Santwarju, jiġifieri dik il-persuna li kienet tieħu ħsieb il-parti materjali tat-tmexxija tas-Santwarju, u persuni privati biex ikunu jistgħu jieħdu dawn in-nagħaġ għal sena jew aktar. Huma kienu jieħdu l-ħalib, ġbejniet u affarijiet oħra minn dawn in-nagħaġ fuq ħlas miftiehem.


1808

Inventario delle Pecore

Giovanni Vella Gabellotto di Selmun
Deve scudi otto, e tari otto annui
di gabella di N° 13. pecore, e N° 6.
de quali ancor agnielli pagabili à
Pasqua.

Deve per Pasqua del 1769. — 8 = 8 =
Adì 18. Ottob. 1769.
Giovanni Vella pagò scudi otto à tari otto
della gabella di pecore del maturato — 8 = 8 - DC

Adì 24. Giugno 1771.
Giovanni Vella pagò scudi venti uno, è tari
quattro di gabella di sudetti pecore di due
annate è fini — 21. 4. DC

Adì 26. Genn. 1772.
Giovanni Zerafa ebbe dal Procuratore venti due pecore
inclusi tre agnelle ad effetto di custodirle, e fruttarle
alla rag. di tari otto per una, eccettuate le tre agnelle
quali non deve pagar per quelle niente nel 1° anno,
e ciò per anni tre da contarsi dalli 15. Agosto scorso,
come in atti ...

Adì 24. Genn. 1773.
Io hò ricevuto da Giovanni Zerafa di
Giompaolo scudi dodeci e tari otto per gabella
di pecore numero dieci nove per quest'anno
che serra li 15. Agosto 1772. — 12. 8.
Adì 30. Maggio 1773.
Io ho ricevuto da Giovanni Zerafa di Giom-
paolo scudi sei à bon conto di gabella di pecore — 6.
Adì 3. Ottob. 1773.
più hò ricevuto dal sudetto Giovanni Zerafa scudi
sei à bon conto — 6.
Adì 25. Genn. 1774.
Io hò ricevuto dal sudetto Giovanni scudi due e tari
otto complemento del anno 1773. che è maturato li 15.
Agosto scorso — 2. 8.
Si segue nel altro foglio.

Sa mill-1769 insibu li ċertu Giovanni Vella[2] minn Selmun kien iħallas lis-Santwarju, nhar l-Għid il-Kbir, is-somma ta' 8 Skudi u 8 Irbiegħi ta' 13-il nagħġa, waqt li Giuseppe Camilleri[3] min-Naxxar kien iħallas, nhar Santa Marija, Skud u 4 Irbiegħl ta' 2 nagħġiet.

Dawn il-kirjiet tan-nagħaġ mis-Santwarju jidher li baqgħu għaddejjin sew bejn l-1770 u l-1878 u x'aktarx aktar tard ukoll u nsibu nies, l-aktar mill-Mosta, Naxxar, Gargur, Għawdex u Ħal Lija li kienu jikru dawn in-nagħaġ għall-użu personali tagħhom u tal-familji tagħhom. Il-ħlas tal-kirjiet kien ivarja bejn 10 Irbiegħi[4] u Skud u 8 Irbiegħi[5] kull ras fis-sena, jiddependi wkoll is-sena li tkun. Il-ħlasijiet kienu jiġu ffissati li jitħallsu jew jagħlqu f'xi festa kbira tal-Knisja bħal l-Għid il-Kbir, nhar Santa Marija fil-15 ta' Awwissu[6] , jew nhar l-Imnarja. Nistgħu ngħidu li d-drawwa li dawn il-ħlasijiet isiru fil-festi kienet ġejja sa minn żmien il-Medjo Evo, meta ħafna mill-qbiela ta' l-artijiet u r-raba' kienu jitħallsu fil-festi msemmija fuq u wkoll fil-Karnival, għal San Martin, fil-Milied u f'xi festi oħra[7] .

Nistgħu ngħidu li din id-drawwa jew ġibda lejn it-trobbija tan-nagħaġ baqgħet toktor, u peress li l-parti l-kbira tal-Melliħin kienu bdiewa jew jgħixu mir-raba', kważi kull familja kellha dik in-nagħġa jew tnejn u xi mogħża wkoll. Fir-rapport taċ-ċensiment ta' l-1911 u l-1912[8] dwar l-agrikoltura, li kienu jiġbru fihom dettalji kemm dwar prodotti tar-raba' kif ukoll in-numru ta' annimali, insibu li f'dawn is-sentejn fil-Mellieħa kien hawn 509 nagħaġ u 416-il mogħża u 520 nagħġa u 402 mogħoż rispettivament, barra żwiemel, bgħula, ħmir, gniedes u ħnieżer. Fis-sentejn imsemmija, meta l-popolazzjoni tal-Mellieħa kienet madwar 2500 ruħ[9]., minkejja ċ-ċokon tagħha, il-Mellieħa kienet tinsab fost l-ewwel erba' bliet u rħula Maltin f'dak li kien numru ta' nagħaġ.

## Is-Snin 1918 --1920

Fl-1914 jidher li l-Gvern kien ħareġ Notifika, jew speċi ta' liġi, numru 226, biex issir reġistrazzjoni ta' dawn l-annimali ħalli hekk ikunu jistgħu jsiru aktar kontrolli u spezzjonijiet mill-pulizija, l-aktar minħabba l-biża' ta' xi mard. F'dokument-manuskritt[10], bla qoxra u bla isem, ta' bejn l-1918-1920, jew aħjar parti minnu, insibu rreġistrati ħafna familji Melliħin. Huma kienu ġew mitluba biex jagħtu isimhom, kunjomhom, il-laqam tal-familja, in-numru ta' nagħaġ, ta' mogħoż u l-isem tat-triq. Fl-aħħar hemm imniżżel imbagħad id-data u l-ħin ta' meta tkun saret l-ispezzjoni mill-Pulizija. Jidher li kien jinżamm rapport kull xahar u mbagħad dawn kienu jiġu ffirmati, x'aktarx mis-Surġent jew Spettur, f'Marzu u f'Awwissu ta' kull sena.

Sfortunatament dan il-parti-manuskritt fih biss minn paġna 110 sa 210, iżda dawn il-paġni jagħtuna stampa verament nostalġika ta' dak li kienet il-Mellieħa kważi 90 sena ilu. Wieħed irid imur lura għat-toroq kollha trab, b'dawk il-ħafna nagħaġ u mogħoż li kien jiġbor ir-raħħal minn kull familja biex imur jirgħahom fix-xagħri madwar il-Mellieħa. Kien jibda jdur it-toroq, u tnejn, tnejn jew tlieta, tlieta jiġborlok merħla mdaqqsa. Ejjew bħalu nduru dawra ma' dawk it-toroq li jinsabu f'dan il-manuskritt u naraw ftit lil min kien iħabbat għal dawn l-imberkin nagħaġ u mogħoż. Tinsewx, ninsabu fl-1918. Żgur li ftit

**Magri**: Angelo Muscat *Tal Fanali*, Carmelo Vella *Ta Cerkes*, Raffaele Debono *Tal Pai Pai*, Maria Vella *Ta Zakkubaida*, Vittoria Vella *Tal Penc*. Francesco Scerri *Ta Għaineja*, Francesco Sammut *Ta Marzu*, Andrea Vella *Tal Marelli*, Lorenzo Bartolo *Tal Pic*.

**Strada Antico Mulino, illum Triq il-Mitħna l-Qadima**: Giuseppe Grima *Tal Kablu*, Maria Grima *Ta Belula*, Vittoria Mifsud *Ta Gianni ta Lgħadira*.

**Strada Snajn, illum Triq Snajjin:** Angelo Sammut *Ta Marzu*, Salvatore/Andrea Vella *Ta Cerches*, Lorenzo Borg *Tal Bazet*, Paolo Vella *Ta Zeppu tal Chiefer*, Maria Sammut *Taz Zebbuġi*.

**Strada Nuovo Molino, illum Triq il-Mitħna l-Ġdida:** Giuseppe Fenech *Tar Rossu*, Vincenzo Gauci *Ta Peppinu*, Michele Vella *Ta Zakkubaida*, Salvatore/ Pietro Calleja *Ta Persenca*, Michele Butiġieġ *Tal Lila*, Giuseppe Borg *Ta Pietru ta' Menger*, Vittoria Cutajar *Tas Sufu*, Giacomo Muscat *Ta Pasuillina*, Giuseppe Caruana *Ta Pasuella*, Gio Maria Bartolo *Tal Mignis*.

**Strada Tramontana, illum Triq it-Tramuntana**: Giovanni Cini *Bajjadḋn*, Felice/Francesco Fenech *Tar Russu*, Tereza Buttiġieġ *Tal Lila*, Giuseppe Calleja *Ta Persenca*, Carmelo Gauci *Ta Dahru*, Carmelo Bartolo *Tal Vapur*, Pacifico Borg *Ta Għobos*.

**Strada Settima, illum Triq San Publju:** Vincenzo Sammut *Il Burkax*, Andrea Gauci *Tad Debba*.

**Strada Mezzodi', illum Triq Nofsinhar:** Giuseppe Grech *Ta Zamzam*.

**Strada Decima, illum Triq San Pawl**: Giuseppe Buttiġieġ *Tal Lila*, Andrea Fenech *Ta Korka*.

**Strada Croce, illum Triq Tas-Salib**: Carmelo Cauchi *Tan Nakni*.

Imbagħad insibu dawn il-Contradi, jew Inħawi:

**San Niclau:** Carmelo Gauci *Il Kikki*

**Ballut:** Giuseppe Grima *Ta Francesco ta Gaha'*.

**Mizieb:** Clementa Galea *Tax Xirfa*.

**Kammih:** Giuseppe Borg *Ta Randa*

**Blata:** Antonio Borg *Tal Cbir*, Gio Maria Vella *Tal Ghauci*.

**Ghain Zeituna:** Carmelo Attard *Ta Kaila*, Giuseppe Borg *Tan Niġes*.

**Kasam Barrani:** Vincenzo Gauci *Ta Randa*.

**Ghainznuber:** Gio Maria Debono *Ta Beccuna*

**Manicata:** Gio Maria Vella *Ta Claud*, Paolo Dimech *Ta Xorxor*, Giuseppe Vella *Tal Majjesa*.

**Selmun:** Gio Maria Sammut *Ta Peppi Tas Sold*, Vincenzo Vella *Tan Nar*, Agostino/ Giuseppe Micallef *Tal Gellux*, Agostino Borg *Tas Signur*, Giuseppe Vella *Ta Antonio ta Lauci*.

Kif ġa għedna, peress li l-manuskritt fih ħafna paġni neqsin, ma għandniex stampa ċara tal-familji kollha Melliħin u l-annimali li kienu jrabbu u jżommu fi djarhom stess. Il-biċċa l-kbira ta' dawk imsemmija fuq kien ikollhom bejn wieħed u ieħor minn 2 sa 4 nagħġiet jew mogħżiet. Jispikkaw xi ftit Giuseppe Caruana *Ta Pasuella*, Lorenzo Bartolo *Tal Pic*, Carmelo Gauci *Il Kikki*, Giuseppe Borg *Ta Randa*. Giuseppe Buttiġieġ *Tal Lila*, Giuseppe Calleja *Ta Persenca* u Gio Maria Vella *Ta Claud* li bejn wieħed u ieħor kellhom bejn 5 u 9 annimali kull wieħed.

Interessanti wkoll naraw il-laqmijiet Melliħin. Kienu jeżistu ħafna u ħafna aktar laqmijiet minn dawn li jidhru f'dan il-parti-manuskritt. Uħud minnhom spiċċaw għal kollox, iżda oħrajn għadhom xi ftit komuni u magħrufin sallum speċjalment ma' dawk li għandhom 'il fuq minn 50 sena.

Kwadru sabiħ imżewwaq b'żewġ elementi, dak tal-preżenza ta' tant nagħaġ u mogħoż kważi f'kull dar fil-Mellieħa u l-ieħor tal-laqmijiet tal-familji Melliħin. Kull laqam għandu jkun ta' unur għall-individwu għax waqt li jiddistingwih minn oħrajn ta' razza oħra, fl-istess ħin jgħaqqdu f'ċerta intimita' ma' membri oħra li jiġu minnu. Sa ftit snin ilu l-laqmijiet kienu referenza ħafifa għal min qed ifittex lil xi ħadd jew jibni arblu tar-razza. Illum, sfortunatament, dawn qed jintilfu u bħad-djalett Mellieħi u n-nagħaġ u l-mogħoż ta' l-imgħoddi għad jisparixxu għal kollox. Jibqa' biss referenza għalihom fil-kitba, bħalma nsibu fil-manuskritti tal-Parroċċa tal-Mellieħa, fejn, sa mill-1844, kull kappillan kien jiktibhom bir-reqqa biex isir jaf il-parruċċani tiegħu sew. Tajjeb kieku 'l quddiem nagħmlu wkoll studju fuq l-aktar laqmijiet antiki tal-Mellieħa.

**Referenzi**


(1). Muscat J. Festa Maria Bambina Mellieħa. 2004. pp.47-49.
(2). Arkivju Parroċċa Mellieħa 9. f. 108.
(3). APM. 4. f. 12.
(4). APM. 11. f.72.
(5). Ibid. f.29.
(6). APM. 9. f. 108.
(7). Fiorini S. Documentary Sources of Maltese History P.1. Not. Doc. 2.Not Giacomo Zabbara 1494-1497. 1999. pp. 20-150.
(8). Blue Book. Return of Produce. Stock. 1911, 1912. p.S4. Arkivju Nazzjonali ta' Malta. Rabat.
(9). Muscat J. Il-Mellieħa Mal-Milja taż-Żmien. Inħawi Abitati u Toroq.p.122.
(10). Registration of Cattle under Government Notice No. 226 of 1914.



